**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Inferjuri**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, Il-Ġimgha 25 ta' Frar 2022**

**Rikors numru:- 4/2020BS**

**Joseph Attard**

**-vs-**

**Air Malta plc**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Joseph Attard illi talab lis-soċjeta' konvenuta:**

Tħallas lill-attur Joseph Attard is-somma ta' sebat elef, mitejn u sittin Euro (Euro 7,260.00c) rappreżentanti danni sofferti minnu. Dawn id-danni ġew sofferti mill-attur per konsegwenza tan-nuqqas da parti tas-soċjeta' konvenuta meta il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019 l-attur u sitt membri tal-familji tiegħu tħallew il-Marokk mill-flight tal-Airmalta KM 725.

Bl-inġunzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta għas-subizzjoni.

Bl-ispejjes ta' din l-kawża u tal-ittra uffiċċjali tal-ħamsa (5) ta' Diċembru 2019.

Bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta konvenuta Air Malta p.l.c illi eċċepiet:**

1. In linea preliminarja, illi din l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża stante illi din il-kawża kellha tinfetaħ f'Malta;

2. Illi subordiatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Joseph Attard m'għandux interess ġuridiku fir-rigward tal-allegat danni sofferti mis-sitt membri tal-familja tiegħu;

3. Illi dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, trid tiġi ppruvata r-responsabbilita tas-soċjeta' konvenuta liema responsabbilta hi miċħuda. F'dan ir-rigward ser jirriżulta li l-attur u l-familja tiegħu ippreżentaw ruħhom għall-imbark fuq l-ajruplan tardivament ħafna u wara li l-gate kienet għalqet u għalhekk jaħtu huma stess għall-fatti minnhom lamentati. Ma huwiex minnu li l-

attur u l-familja tiegħu tħallew il-Marokk iżda huwa l-każ li l-attur u l-familja tiegħu ma waslux fil-ħin utli għall-imbark;

4. Illi fi kwalsiasi każ tiġi eċċepita l-limitazzjoni ta' danni stabbilita mir-regolament 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill liema Regolament huwa direttament applikabbli f'Malta.

5. Illi dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

**Preliminari**

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020 il-Qorti kif dak inhar preseduta ddifferiet il-kawża għall-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar il-*privilegium fori*, bil-fakolta' li l-partijiet jippreżentaw nota ta' referenzi.

Rat illi nonostante l-fakolta' lilhom konċessa, il-partijiet baqgħu ma ppreżentawx noti ta' referenzi.

**Ikkunsidrat**

**L-Azzjoni**

Il-kawża odjerna tittratta talba għall-ħlas ta' allegati danni mġarrba mill-attur u membri tal-familja tiegħu meta allegatament, fid-19 ta' Settembru 2019 ma trikbux fuq titjira li s-soċjeta' konvenuta kienet sejra topera mill-Marokk lejn Malta.

L-attur odjern huwa residenti ġewwa Għawdex waqt illi s-soċjeta' konvenuta għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa Malta. Il-biljetti tal-ajru ġew akkwistati tramite l-aġenzija tal-ivvjaġġar FCM Travel li ukoll għandha l-uffiċċju tagħha ġewwa Malta. Fix-xhieda tiegħu l-attur spjega illi l-biljetti ġew akkwistati minn Agnes Mizzi li hija aġenta u għandha l-uffiċċju tagħha r-Rabat, Għawdex. Il-mitjar minn fejn kellha topera t-titjira in kwistjoni jinsab ġewwa Malta.

Il-kawża ta' llum ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri.

Is-soċjeta' konvenuta laqgħet billi in linea preliminari ssollevat l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

**Id-Dritt**

L-artikoli tal-liġi rilevanti għad-determinazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari ta' *privilegium fori* huma s-segwenti:

L-Artikolu 50 tal-Kap 12 jipprovdi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kawżi stitwiti kontra:

*"… l-persuni li joqgħodu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti."*

Imbagħad l-Artikolu 741(ċ)tal-Kap 12 jipprovdi li :

*"L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata … meta huwa mogħti lill-konvenut il-beneficċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."*

Barra minn dawn l-artikoli preċitati hemm ukoll l-Artikolu 767 tal-Kap 12 illi jistabbilixxi li:

*"Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqgħodu fil-Gżira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta` Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gżejjer.".*

In oltre, l-Artikolu 770 tal-Kap 12 jipprovdi li:

*"Il-privilegium fori jispiċċa wkoll fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari".*

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni attriċi ġiet intavolata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Mill-provi in atti jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa Malta u ebda uffiċċju ġewwa Għawdex. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-attur illi fl-istess rikors indika l-indirizz tas-soċjeta' konvenuta bħala Level 2, Skyparks Business Centre, International Airport, Luqa, Malta, LQA 4000.

Fl-ebda waqt tal-proċeduri ma jirriżulta illi l-attur ikkontesta jew ikkontrasta l-fatt illi l-indirizz esklussiv tas-soċjeta' konvenuta huwa filfatt dak f'Malta. B'hekk huwa paċifiku illi s-sede tas-soċjeta' konvenuta jinsab ġewwa Malta.

L-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* li tqajmet mill-konvenut *in limine litis* ġiet trattata mill-Qrati Maltin diversi drabi. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw** deċiża fl-20 ta' Mejju 1994 fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi:

*"L-artikolu 50 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f'kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skont il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari*."

Irid jingħad ukoll illi l-*privilegium fori* jispiċċa:-

1. Meta l-għadd ta' konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex hu ndaqs (Artikolu 769);

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawża, għandha skont il-ftehim tiġi esegwita fi Gżira partikolari (Artikolu 770);

3.Meta jkun hemm rinunzja għalih mill-persuna li għandha jedd għalih (Artikolu 772).

Fil-kawża fl-ismijiet **Gorg Vella noe et vs Rev. Charles Cini deċiża mill-Qorti Ċivili**, Prim'Awla fis-16 ta' Frar 2001 ġie ribadit illi l-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-Qrati tagħna huwa illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti u sostantiva tiegħu, kellu jiġi eżegwit fi gżira partikolari, il-Qrati ta' dik il-gżira għandhom il-kompetenza illi jisimgħu u jiddeċiedu dik il-kawża.

Dan il-prinċipju ġie riaffermat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza tagħha tat-13 t'Ottubru 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd** fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f`kaz ta` obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "… il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell`una delle dette isole determinatamente."*

Fis-sentenza tagħha tal-10 ta` Novembru 2000 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited** il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri qalet hekk:-

*"Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti mis-socjeta`konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta` din il-kumpanija huwa fil-gzira ta` Malta, precizament fl-indirizz: 93, Tower Road, Sliema, u ghalhekk `prima facie` jidher illi s-socjeta` konvenuta ghandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imharrka fil-Qorti ta` din il-gzira u mhux f`dik ta` fejn titqies li hija r-residenza taghha. Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta` konvenuta. Importanti ferm ghas-soluzjoni ta` din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata wahda mill-eccezzjonijiet ghal din irregola u rilevanti ghal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "l- `privilegium fori` jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari.*

…

*Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-`privilegium fori`, u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha.*

*Dejjem pero` gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikulari, fil-kaz taghna f`Ghawdex (ara f`dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima:12.2.92; u cit. 6/1996: "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta` April 1997 u kkonfermata fl-Appell). Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma` dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta` l-attur nomine minn naha l-wahda u s-socjeta` konvenuta minn naha l-ohra sar kollu f`Ghawdex, mill-agenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta taghhom f`din il-gzira . M`ghandu jkun hemm ghalhekk l-ebda raguni ghaliex l-allegat obbligu tas-socjeta` konvenuta li tinforma lill-koppja Greenwood bil-htiega ta` visa ghalihom biex jiddahhlu gewwa Franza, u li minhabba fih qed tigi mharrka din l-agenzija ta` l-ivvjaggar, ma setghax ghalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju taghhom f` Ghawdex.*

*Ghaldaqstant f`dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok ghall-kawza prezenti twettaq fil-parti preponderanti tieghu fil-gzira ta` Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-`privilegium fori` tal-konvenut."*

Fil-każ odjern is-soċjeta' konvenuta qegħda tissolleva l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* għaliex issostni illi l-uffiċċju reġistrat tagħha jinsab ġewwa Malta. Tgħid ukoll illi l-aġenzija tal-ivvjaġġar tramite liema sar l-akkwist tal-biljetti tal-ajru ukoll hija stabbilita ġewwa Malta u m'għandiex uffiċċju ġewwa Għawdex. Fuq kollox tisħaq illi l-post tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni u cioe il-ġarr tal-passiġġieri kellu ta' bilħaqq isir tramite l-ajruport internazzjonali ta' Malta, liema ajruport jinsab ġewwa Malta. Tgħid għalhekk illi l-kawża kellha tiġi stitwita quddiem il-Qorti Malta.

Mill-kontro-eżami tal-attur irriżulta wkoll illi għalkemm il-biljetti tal-ajru ġew akkwistati mill-aġenta Agnes Mizzi li għandha l-uffiċċju tagħha ġewwa r-Rabat, Għawdex, din akkwistat il-biljetti tramite l-aġenzija FCM Travel li għandha l-uffiċini tagħha ġewwa Malta. In oltre, ġie stabbilit ukoll illi minnufih malli rritornaw lura Malta, l-attur u l-familjari tiegħu

ressqu t-talba tagħhom għall-ħlas tad-danni ma l-aġenta ġewwa Għawdex. Madanakollu, l-attur ikkonċeda illi fl-istess waqt huwa kien irreġistra l-ilment tiegħu direttament mas-soċjeta' konvenuta u beda jitkellem direttament magħha dwar it-talba għall-ħlas tal-allegati danni mġarrba minnu.

Tajjeb jingħad illi nonostante l-fatt illi l-akkwist tal-biljetti tal-ajru sar tramite aġenta tal-ivvjaġġar stabbilita ġewwa Għawdex u tramite Aġenzija tal-ivvjaġġar stabbilita ġewwa Malta, l-attur għażel illi l-kawża jistitwiha direttament fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta li finalment kellha topera t-tijira. Il-każ ta' llum għalhekk jikkontrasta ma' dak fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited** (*op. cit*), għaliex f'dak il-każ l-attur kien istitwixxa l-proċeduri direttament fil-konfront tal-aġenzija tal-ivvjaġġar li rriżulta kienet stabbilita u topera minn ġewwa Għawdex. Tajjeb jingħad ukoll illi l-każ ta' llum jittratta speċifikament il-fatt illi l-atturi tilfu t-tijira. Lil hinn mill-mertu tal-każ, il-kwistjoni hija direttament bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta li kellha topera t-titjira in kwistjoni billi twassal lill-atturi mill-Marokk lura lejn l-uniku ajruport li jservi l-gżejjer Maltin u li jinsab ġewwa Malta.

Tenut kont ta' l-artikoli preċitati, kif ukoll il-fatt illi minn dak illi jirriżulta lanqas m'hu kontestat li s-soċjeta' konvenuta għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa Malta, gialadarba l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ġiet sollevata mill-istess soċjeta' konvenuta li żammet ferm l-eċċezzjoni tagħha, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 741 (ċ) u 767 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom japplikaw[1].

## Decide

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi gia espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' konvenuta l-Airmalta PLC u tiddikjara illi din il-Qorti m'għandhiex kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża u għalhekk il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet u tirrimetti l-atti lura lejn ir-Reġistru tal-Qrati Ċivili sabiex jiġu assenjati u jkomplu jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta.

[1] **Joseph Pace v Dun Anton Scicluna**, deċiża fit-23 ta' Frar, 1999 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla

Bl-ispejjeż ta' din il-deċiżjoni in parte jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur